

31997F0520(01)

C 151/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.5.1997

ATT TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Novembru 1996

li jfassal, fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' deċiżjonijiet preliminarij, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej

(97/C 151/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3 (2) (ċ) tiegħu,

Billi l-Artikolu K.3 (2) (ċ) jipprovdi illi l-konvenzjonijiet imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistgħu jstabbilixxu illi l-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-disposizzjonijiet tagħhom u li tiddeċiedi dwar kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tagħhom skond dawk l-arranġamenti li huma jistgħu jstabbilixxu,

IDDEĊIEDA dwar it-tfassil tal-Protokoll, li t-test tiegħu huwa anness u li ġie ffirmat illum mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea,

JIRRAKKOMMANDA illi jiġi adottat mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Novembru 1996.

*Għall-Kunsill**Il-President*

N. OWEN